L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Erbgha, 04 ta' Novembru, 2020** fis-02:00 a.m. fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja. Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

Il-Bord ra r-rikors ta' Jurgen Fenech li gie pprezentat fit-3 ta' Novembru 2020.

Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi pprezentaw ir-risposta ghal dan ir-rikors.

Dr. Anthony Borg ghall-Avukat tal-Istat ha konjizzjoni tieghu llum u rtira kopja tieghu seduta stante.

Il-Bord jaghti terminu lill-Avukat tal-Istat li jwiegeb, jekk ikun il-kaz sa nhar il-Gimgha 6 ta' Novembru, 2020.

Deher Dr. Anthony Borg ghall-Avukat tal-Istat fejn iddikjara li b'riferenza ghar-rikors ta' Jurgen Fenech ipprezentat fit-30 ta' Ottubru 2020 jirrimetti ruhu ghall-Avukat tal-Istat.

Il-Bord iddegreta r-rikors ta' Jurgen Fenech li gie pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2020 (michud).

Deher Dr. Stephen Tonna Lowell li qed jassisti lil Brian Tonna.

Dr. Stephen Tonna Lowell ghax-xhud Brian Tonna jirrileva illi x-xhud huwa suspettat fi tlett istanzi differenti: fl-ewwel lok in kwantu huwa rcieva attachment order; fit-tieni lok in kwantu gie indikat bhala suspettat f'Inkjesta Magisterjali pendenti fir-rigward tal-kumpanija 17 Black; u fit-tielet lok fir-rigward ta' investigazzjoni pendenti quddiem il-Pulizija Ezekuttiva fejn attwalment jinsab bil-Police Bail. Ghalhekk huwa qieghed jaghzel jew jitlob ghad-dritt tas-silenzju assolut fis-sens illi ma jirrispondi ghal ebda domanda li tista' ssirlu.

**Brian Tonna** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Dr. Stephen Tonna Lowell ghax-xhud Karl Cini jirrileva illi x-xhud huwa suspettat fi tlett istanzi differenti: fl-ewwel lok in kwantu huwa rcieva attachment order; fit-tieni lok in kwantu gie indikat bhala suspettat f'Inkjesta Magisterjali pendenti fir-rigward tal-kumpanija 17 Black; u fit-tielet lok fir-rigward ta' investigazzjoni pendenti quddiem il-Pulizija Ezekuttiva fejn attwalment jinsab bil-Police Bail. Ghalhekk huwa qieghed jaghzel jew jitlob ghad-dritt tas-silenzju assolut fis-sens illi ma jirrispondi ghal ebda domanda li tista' ssirlu.

**Karl Cini** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Gimgha, 06 ta' Novembru 2020 fid-9.30 a.m. sabiex jixhed l-Onor. Alex Muscat u Marvin Gaerty.

Rita Falzon/Bord tal-Inkjesta